MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2024

Appell Inferjuri Numru 323/2015 LM

**Michael Scicluna (K.I. nru. 0684754(M))**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Middlesea Insurance p.l.c. illum Mapfre Middlesea p.l.c. (C 5553)**
**u Laferla Insurance Agency Limited (C 14526)**
*('l-appellanti')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetajiet intimati **Middlesea Insurance p.l.c. illum Mapfre Middlesea p.l.c. (C 5553)** u **Laferla Insurance Agency Limited (C 14526)** [minn issa 'l quddiem rispettivament 'is-soċjetà appellanta Mapfre Middlesea' u 'is-soċjetà appellanta Laferla' rispettivament, u flimkien

'is-soċjetajiet appellanti'] mis-sentenza preliminari tat-8 ta' Novembru, 2017 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza preliminari'], u mis-sentenza finali mogħtija fil-11 ta' Lulju, 2023, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'I quddiem 'l-Ewwel Qorti'], fejn permezz tas-sentenza preliminari ddeċidiet li tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tagħhom fil-konfront tar-rikors tar-rikorrent **Michael Scicluna (K.I. nru. 0684754(M))**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], u permezz tas-sentenza finali ddeċidiet it-talbiet magħmula fl-imsemmi rikors kif ġej:

> *"...tilqa' t-talba tal-attur parzjalment billi tordna lill-intimati jirrifondu* in solidum *bejniethom lill-attur is-somma komplessiva ta' Ewro 5,950 rapprezentanti l-indennizz fuq il-polza numru 900 P 21018309-12 bl-imgħax legali dekorribli minn meta din is-sentenza ssir* res judicata*.*
>
> *Spejjeż tal-preżenti proċedura a karigu tal-intimati* in solidum *bejniethom."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw is-serq tal-vettura tat-tip *Daihatsu Rugger* bin-numru ta' reġistrazzjoni LAF 659, proprjetà tal-appellat, li kienet assigurata taħt polza ta' assigurazzjoni numru 9001 P21018309-12 maħruġa mis-soċjetajiet appellanti għal valur ta' €7,000.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellat għalhekk istitwixxa proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti permezz ta' Rikors ippreżentat fit-23 ta' Ottubru, 2015, fejn ħarrek is-soċjetajiet appellanti sabiex jgħidu għaliex huma m'għandhomx jiġu kkundannati:

*"...tħallsu, intom jew minn minnkom, lill-attur s-somma ta'* ***tmint'elef, erba' mija u ħamsa u tmenin Ewro u erbatax -il ċenteżmu (€8,485.14ċ)*** *liema somma hija dovuta lir-rikorrenti, rappreżentanti indenniz dovut lil Attur wara li avvera ruħu riskju – u ċioe', serq tal-vettura – li kien kopert mill-polza ta' assigurazzjoni b'numru 9001 P21018309-12, maħruġa fir-rigward tal-vettura tat-tip Daihatsu Rugger, numru ta' reġistrazzjoni LAF 659 għall-valur ta' Sebat Elef Ewro (****€7,000)*** *għas-sena 2012, kif mitlub mill-intimati stess fix-*"Schedule attaching to and forming Part of the Policy P21018309-12" *hawn anness u mmarkat bħala '****Dok. A'*** *, flimkien mal-ammont* ***ta' elf seba' mija u sittin Ewro u sitt ċenteżmi (€1,718.08ċ)*** [sic!] *rappreżentanti kiri ta' vettura bejn it-28 ta' Novembru 2013 sat-23 ta' Frar 2014.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Marzu, 2014, kif ukoll l-ispejjeż kollha ta' dan ir-rikors u ta' proċeduri legali ulterjuri illi jistgħu jittieħdu, u bl-imgħaxijiet kif permess mil-Liġi, li jiġu kkalkolati sa mit-8 ta' Novembru, 2012, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti illi huma minn issa inġunti għas-subizzjoni."*

4. Is-soċjetajiet appellanti wieġbu kif ġej:

*"1. Illi l-isem tas-soċjetà konvenuta Middlesea Insurance plc huwa llum Mapfre Middlesea plc. Hemm lok għal korrezzjoni tal-atti f'dan is-sens. Tali korrezzjoni ma hiex opposta u l-atti korretti ma jinħtieġux notifika mill-ġdid salv illi r-risposta bl-eċċezzjonijiet odjerni tkun tgħodd ukoll għall-atti korretti.*

*2. Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż għas-segwenti raġunijiet:*

*a. Illi l-azzjoni proposta mill-attur hija nsostenibbli billi skont il-polza ta' assikurazzjoni, bażi legali ta' din l-azzjoni, dissidwu bejn il-kontendenti fuq is-somma pagabbli lill-attur skont il-polza ta' assikurazzjoni tiegħu għandu jiġi sottomess għall-Arbitraġġ.*

*b. Fil-meritu, is-somma pagabbli lill-attur taħt il-polza ta' assikurazzjoni tiegħu, u in vista tat-telf meritu tal-*claim *li sar taħt dik il-polza kien ta' €3,000 liema somma ġiet offerta mill-konvenuti lill-attur diversi drabi u finalment depożitata mill-eċċipjenti taħt l-awtorità ta' dina l-Onorabbli Qorti b'Ċedola ta' Depożitu numru 422/14 li tista' tiġi liberament żbankata mill-attur għas-saldu ta' din il-pretensjoni.*

*c. Illi l-polza ta' assikurazzjoni maħruġa lill-attur hija polza ta' indemnità illi minnha l-qliegħ ossija rikavat massimu illi jista' jirċievi l-assikurat huwa illi jiġi kkumpensat għall-ħsara li sofra. Illi fil-każ odjern ifisser, illi jirċievi ħlas ekwivalenti għall-valur tal-vettura mitlufa dakinhar tat-telf tagħha.*

*d. Illi ma huwiex apert lill-attur illi jitlob illi jiġi risarċit sew tal-valur tal-vettura assikurata u kif ukoll tal-kiri ta' vettura oħra u dan għaliex il-polza ma tikkontemplax risarċiment għall-kiri ta' vettura f'dawn iċ-ċirkostanzi u kif ukoll għaliex ma huwiex konċepibbli illi ssir din ix-xorta ta' risarċiment doppju.*

*e. Salvi eċċezzjonijiet oħra.*

*3. Bl-ispejjeż kontra l-attur inġunt minn issa għas-subizzjoni."*

**<u>Is-Sentenza Preliminari</u>**

5. L-Ewwel Qorti waslet għas-sentenza preliminari wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Ikkunsidrat:*

*Illi din hija sentenza preliminari dwar il-kompetenza o meno tal-Qorti fejn il-kuntratt viġenti bejn il-partijiet ikun jinkludi klawsola ta' arbitraġġ.*

*Illi l-intimati ressqu eċċezzjoni preliminari għat-talba tar-rikorrent illi tgħid hekk:*

"1. Illi l-azzjoni proposta mill-attur hija nsostenibbli billi skont il-polza ta' assikurazzjoni, bażi legali ta' din l-azzjoni, dissidwu bejn il-kontendenti fuq is-somma pagabbli lill-attur skont il-polza ta' assikurazzjoni tiegħu għandu jiġi sottomess għal Arbitraġġ."

*Illi l-ewwel punt li għandu jiġi eżaminat hu jekk il-każ quddiem il-Qorti jaqax jew le taħt il-Kapitolu 387 Dwar l-Arbitraġġi.*

*Illi fil-kawża odjerna r-rikorrent qiegħed jitlob li jitħallas somma flus wara li nsterqet il-vettura tiegħu li kienet koperti b'polza ta' assikurazzjoni mal-intimati.*

*Illi r-Raba' Skeda tal-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta li jirregola l-Arbitraġġi tgħid hekk:*

"Kull tilwima ċivili jew kummerċjali, li ma tkunx waħda li jkollha x'taqsam ma' talba għal danni għall-ħsara fil-persuna, li tkun tilwima li toriġina minn:

(a) kolliżjoni bejn vetturi, jew

(b) ħsara involontarja fi proprjetà li tinvolvi l-vetturi ..."

*għandha tiġi sottomessa għall-Arbitraġġ.*

*Illi mill-qari ta' dan l-Artiklu huwa ċar illi l-każijiet li qegħda tikkontempla hawn il-liġi huma dawk ta' (1) kolliżjonijiet u (2) ħsara involontarja fil-vetturi. Il-każ quddiem il-Qorti llum ma jinvolvix la kolliżjoni u lanqas ħsara involontarja u dan għaliex il-vettura ma kinitx involuta f'inċident iżda kienet misruqa. Ma hemmx dubju li s-serq ma hux att involontarju, għall-kuntrarju min jisraq ikun qed jagħmel att konsapevoli, u għalhekk il-każ odjern ma jista' qatt jaqa' taħt ir-Raba' Skeda tal-Kapitolu 387.*

*Illi li din l-iskeda tirrigwarda biss vetturi involuti f'kolliżjonijiet u ħsara involontarja huwa ġia ben stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna minn skorta ta' sentenzi. (fn. 1 Ara MiddleSea Insurance plc et vs Gevimida Limited Appell Ċivili Nru. 13/2009 deċiża 23 ta' Ottubru 2009 u Albert Muscat et vs Maltco Lotteries Ltd Ċit. Nru. 33/2015, deċiża 21 ta' Mejju 2015 bl-iskorta ta' sentenzi fihom kwotati) Kull materja oħra tibqa' biss kompetenza tal-Qorti ordinarja.*

*Illi għalhekk din l-eċċezzjoni tal-intimati ma tistax tiġi milqugħa.*

*Illi, fit-tieni lok, l-Artiklu 15(3) tal-Kapitolu 387 jgħid hekk:*

Minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jekk parti fi ftehim ta' arbitraġġ, jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa tal-parti, tibda xi proċedimenti legali f'qorti kontra kull parti oħra fil-ftehim ta' arbitraġġ jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa ta' dik il-parti, dwar kull ħaġa miftehma li tiġi riferita għall-arbitraġġ, kull parti f'dawk il-proċedimenti legali tista' f'kull żmien qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-proċedimenti, u dik il-qorti jew imħallef tagħha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitraġġ ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, għandha tordna li jitwaqqfu l-proċedimenti. Rikors jista' jsir minkejja li l-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-arbitraġġ biss wara li jiġu eżawriti proċeduri oħra ta' riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet.

*L-intimati naqsu milli jagħmlu tali rikors ai termini tal-Artiklu 15(3) tal-istess Kapitolu 387 sabiex jattakkaw l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti, liema rikors ai termini tal-istess Artiklu kellu jsir <u>qabel</u> ma jigu preżentati l-eċċezzjonijiet. Illi għalhekk l-istess intimati bil-preżentata tal-eċċezzjonijiet tagħhom irrinunzjaw għal tali eċċezzjoni u ma setgħux iressqu tali eċċezzjoni bħala eċċezzjoni fin-nota tal-eċċezzjonijiet tagħhom għaliex stante li ma għamlux dak ir-rikors* ad hoc *li teżiġi l-istess liġi, allura ssottomettew ruħhom għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti ordinarja. Illi tali rikors huwa fakultattiv, però jekk l-intimat jagħżel li ma jagħmlux allura jissokkombi għall- u jkun qed jaċċetta l-ġurisdizzjoni tal-Qorti ordinarja.*

*Fit-tielet lok, l-intimati naqsu milli jippruvaw sodisfaċentament illi huma provdew lir-rikorrent bil-kopja tal-polza tal-assikurazzjoni kif titlob il-liġi u dan kif jirriżulta mix-xhieda ta' Mark Laferla* a folio *43A* et sequitur *tal-proċess. L-attur fix-xhieda tiegħu* a folio *53* et sequitur *tal-proċess jiċħad li qatt ingħata kopja tal-polza tal-assikurazzjoni. Għalhekk kwalunkwe klawsola fl-istess polza inkluż dik dwar l-Arbitraġġ ma tistax torbot lill-partijiet.*

*Illi fir-raba' lok, mill-provi mressqa jirriżulta li r-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet taqa' taħt il-kważi kuntratt u għalhekk taqa' fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti ordinarja."*

## Is-Sentenza Appellata

6. Hija mbagħad waslet għas-sentenza finali, wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"Ikkunsidrat.***

*Il-ġurisprudenza tagħna fil-materja ta' assikurazzjoni tgħallimna b'mod kostanti is-segwenti:*

**'Il-kuntratt ta' assikurazzjoni hu meqjus bħala wieħed tal-aqwa bwona fede…… meta il-'proposal form' tiġi mimlija mhux mill-proponent, imma minn persuna oħra, din titqies li mliet il-formola għal proponent, u mhux għall-assikurat, speċjalment meta l-proponent, qabel ma jiffirma l-'proposal form' ikun ħares lejha u aċċerta ruħu li kollox kien sar sew, u b'hekk assuma r-responsabilità tad-dikjarazzjoni magħmula fih**a'. *(fn. 19 Charles Degiorgio ne. vs Austin Agius et. deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 1962 per Onorevoli Imħallef Prof. Jos. H. Xuereb)*

**'…. Is-sub-aġent hu mandatarju tal-'proposer' (f'dan il-każ tal-attur) u mhux tal-kumpannija filwaqt li jkun qed jimla d-dettalji b'inkariku tal-attur.**

**Pont iehor hu li l-'proposal form' hija parti integrali mill-polza, u kwindi 'mis-statement' fiha hu qisu 'mis-statement' fil-polza. Jingħad fil-ġurisprudenza Taljana ara sent. Citata Rep. Navarini u Vedani, comm. Art. 429, para. 65 :-'Il proponente un contratto di assicurazione assume intera responsabilità per le dichiarazioni contenute nella proposta che è parte integrale della polza, anche se non scritte di suo pugno'.'** *(fn. 20 Antonio Zammit vs Joseph Micallef ne. deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-31 ta' Jannar 1952 per Onorevoli Imħallef Dr. W. Harding)*

*Għaldaqstant mhux siewja id-difiża tal-attur meta jgħid li huwa ma kienx jaf x'qed jiffirma. Kienet ir-responsabilità unika tiegħu li jara li dak li qed tipproponilu l-*

*assikurazzjoni jagħmel sens u jekk ma kienx hemm affarijiet ċari isaqsi l-assikurazzjoni tramite il-broker tiegħu ħalli b'hekk jagħmel il-verifiċi neċessarji.*
*Min-naħa l-oħra hu xogħol il-broker li bħala mandatarju tal-klijent tiegħu jara li dak li qed tipproponi u tapprova l-assikurazzjoni huwa fattwali u li l-klijent qed jifhem il-kuntratt u jagħraf il-konsegwenzi ta' dak li qed jiffirma.*

***Ikkunisdrat ulterjorment:***

**'Illi taħt l-iskorta tal-prinċipju ewlieni tad-dritt assikurattiv dwar l-indennità ('The Principle of Indemnity'), l-assikurat irid jitqiegħed f'qagħda ekonomika li kien ikun fiha kieku l-periklu ma seħħx. B'mod partikolari, l-assikurat ma jistax jistagħna bis-saħħa ta' polza ta' assikurazzjoni jew jagħmel qligħ minnha, l-iżjed fejn il-polza tkun waħda li tirregola l-ġid tal-assikurat.**

**Għalhekk, l-ammont li l-assikurat jista' jippretendi li jitħallas wara li jseħħ l-inċident huwa l-ammont ta' tnaqqis fil-prezz li l-ħaġa ġġib fis-suq bejn dak li kienet tiswa qabel l-inċident u dak li seħħ fl-inċident.'** *(fn. 21 Robert Pace vs GasanMamo Insurance Agency Ltd. deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili Ċit. Nru. 189/1999/1 fit-28 ta' Lulju 2004 per Onor. Imħallef Joseph R. Micallef)*

*Il-Qorti qed tagħmilha ċara li hija mhux ser toqgħod fuq dak li xehed il-*head assessor *is-Sur Mario Cumbo. Ix-xhieda ta' dan l-aħħar hija mhux sodisfaċenti, xi kultant konfuża kif ukoll kontradittorja u professjonist li jallega li għandu għexieren ta' snin esperjenza fis-settur hu mistenni li jixhed b'mod aktar serju u professjonali. L-assjem ta' dak li qal ġie kontradett mis-Sur Laferla b'dokumentazzjoni mill-*mother company *tad-Daihatsu u kien nuqqas serju mill-kumpannija assikuratriċi li ħalliet f'idejn is-Sur Cumbo biex tasal għall-offerta aħħarija tagħha li illum jista' jingħad li mhix realistika wara li wieħed jeżamina l-kwotazzjonijiet kollha li hemm fl-atti. Mhux serja il-kumpannija meta hija għall-ewwel qagħdet prinċiparjament fuq informazzjoni impreċiża tal-*head surveyor *tagħha li minn naħa tiegħu għamel riċerka nofs kedda fuq il-Maltapark fejn il-Qorti tista' tieħu* judicial notice *li ħafna drabi jkun hemm prezzijiet mhux veritieri u mhux realistiċi. Dan żgur mhux il-mod kif isiru l-affarijiet, speċjalment fil-konfront ta' klijenti li jkunu lejali għal diversi snin kif inhu l-attur.*

*Minn-naħa l-oħra il-Qorti taqbel u taċċetta it-teżi tal-imħarrkin fejn jgħidu li l-ammont pretiż mill-klijent hu di fatti il-<u>massimu</u> li wieħed jista' jiġbor mill-polza tiegħu meta jagħmel il-claim. Bl-ebda tiġbid ta' immaġinazzjoni l-attur ma' jista' jgħid li l-kumpannija assikurattriċi ħbietlu dan il-fatt, anzi dan huwa imniżżel fid-dokumenti li ġew ippreżentati in atti u jekk kellu xi dubbju, kif diġà intqal kellu jagħmel il-verifiċi tiegħu kemm mal-broker kif ukoll direttament kieku ħass il-bżonn mal-kumpannija*

*assikurattriċi. Dan milli jidher ma għamlux jew għax kien konvenjenti għalih jew inkella bi traskuraġni.*

*Għaldaqstant il-Qorti tħoss li għalkemm il-prezz ta' Ewro 7,000 kien wieħed reali fit-2 ta' Frar 2012, ossija meta ġiet imġedda l-polza. Dan ukoll minħabba il-fatt li ma jirriżultax li b'xi mod kien ikkontestat minn Laferla u l-Qorti temmen li kien l-obbligu ta' Laferla li minħabba li kien hemm* ***disparità kbira*** *bejn dak li wara kien qed jgħid li kien il-valur reali fis-suq u dak li fil-fatt għażel il-klijent li huwa il-prezz reali u li kien fuq dan tal-aħħar li ħallas* premium *ogħla li qabel ma ġiet intavolata l-claim, kien ta' benefiċċju għall-kumpannija.*

*In vista li kif jixhed ukoll is-Sur Cumbo għan-nom tal-intimati li huma taw il-benefiċċju lill-klijent li l-vettura kienet f'kundizzjoni tajba meta insterqet (fn. 22 Ma' din l-assserzjoni qabel ukoll is-Sur Laferla Jr); Ukoll in vista li l-vettura kellha 14 -il sena meta insterqet; u kif ukoll in vista li fit-8 ta' Novembru 2012 il-polza kienet waslet biex tiskadi; il-Qorti tqis li fuq il-valur ta' Ewro 7,000 għandu jkun hemm deprezzament massimu ta' 15% kif jidher li huwa l-prassi fis-suq. (fn. 23 Jidher li id-deprezzament annwali hu bejn 10%-15% skont ix-xhieda tas-Sur Laferla Jr.)* ***Jiġifieri is-somma dovuta lill-attur għandha tkun Ewro 5,950****.*

*Ma jidhirx u ma jirriżultax, tal-anqas mill-atti, li l-assikuratur kellu xi obbligu li jikri xi vettura lill-assikurat u allura t-talba għar-rimbors tal-flejjes ta' meta kera xi vettura, ossija Ewro 1,718.08ċ, qed tiġi miċħuda in toto.*

*Lanqas ma tirriżulta l-ittra uffiċjali data 18 ta' Marzu 2014 mill-atti u allura kull imgħax għandu jkun dekorribbli mill-għoti ta'din is-sentenza."*

## L-Appell

7. Is-soċjetajiet appellanti ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fl-10 ta' Awwissu, 2023, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex:

*"i. Fl-ewwel lok, tirrevoka għalkollox is-sentenza preliminari mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-8 ta' Novembru 2017 u tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-appellanti dwar il-kompetenza tal-istess Qorti, u għalhekk, jew tiċħad it-talba tal-appellat, jew xort'oħra, jekk hekk jidhrilha xieraq u b'seħħ ta' dak maħsub fid-dispożizzjoni tal-Artikolu 741(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna illi l-atti tal-kawża jiġu trasferiti lit-Tribunal tal-*

*Arbitraġġ sabiex it-tilwima tal-partijiet tiġi maqtugħa skont kif maħsub fid-dispożizzjonijiet tal-liġijiet ċitati aktar 'il fuq; u*

*ii. Kemm-il darba jkun hemm lok għal daqshekk, skont kif tinqata' t-talba dwar ir-revoka tas-sentenza preliminari tat-8 ta' Novembru 2017 jew it-trasferiment tal-atti kif mitlub, tirrevoka s-sentenza tal-11 ta' Lulju 2023, tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-appellanti u tiċħad it-talba għall-ħlas tal-attur appellat, b'dan illi, skont kif eċċepit mill-appellanti, tillikwida d-danni sofferti mill-appellat fl-imsemmija somma ta' €3,000 depożitata taħt l-awtorità ta' dina l-Onorabbli Qorti permezz taċ-ċedola ta' depożitu numru 466/14;*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat."*

Jgħidu li l-aggravji tagħhom huma dawn: fir-rigward tas-sentenza preliminari (i) l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-liġi; (ii) l-Ewwel Qorti ma kienitx korretta meta kkunsidrat li r-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet kontendenti hija waħda ta' kważi-kuntratt. Fir-rigward tas-sentenza finali (iii) l-Ewwel Qorti kienet legalment żbaljata meta kkunsidrat li s-soċjetà appellanta Laferla kellha l-obbligu li tikkontesta l-valur tal-vettura kif dettat mill-attur appellat; (iv) wara li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li r-rapport ġuridiku bejn il-partijiet kien wieħed ta' kważi-kuntratt, hija straħet esklussivament fuq il-polza ta' assigurazzjoni.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

8. L-appellat wieġeb fil-15 ta' Jannar, 2024, fejn filwaqt li jispjega r-raġunijiet tiegħu, huwa jsostni li s-sentenza appellata hija ġusta, u għalhekk timmerita konferma minn din il-Qorti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji li qegħdin iressqu s-soċjetajiet appellanti, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Ewwel Qorti, u s-sottomissjonijiet tal-appellat.

*L-Ewwel Aggravju:* *[l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta fis-sentenza preliminari ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari dwar il-kompetenza tagħha]*

10. Is-soċjetajiet appellanti qegħdin jikkontendu li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta ddeċidiet li tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tagħha dwar il-kompetenza tagħha. Filwaqt li jiċċitaw dak li kkunsidrat l-Ewwel Qorti dwar ir-Raba' Skeda tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta, jissottomettu li din kienet korretta meta ddikjarat li l-każ odjern mhux dwar kolliżjoni, u lanqas m'huwa dwar ħsara volontarja. Imma jirrilevaw li l-Ewwel Qorti kkunsidrat li t-tielet paragrafu tal-artikolu 2.1 tar-Raba' Skeda jkompli fuq u jsegwi mill-ewwel żewġ subparagrafi l-oħra ta' qablu, u għalhekk it-talba tal-appellat fil-konfront tagħhom ġaladarba tirrigwarda serq ta' vettura ma taqax fil-parametri tad-dispożizzjoni dwar l-arbitraġġ mandatorju. Is-soċjetajiet appellanti jispjegaw li t-tliet subparagrafi tal-artikolu 2.1 jittrattaw tliet sitwazzjonijiet differenti, u dan huwa ndikat permezz tal-konġunzjoni 'jew', u huwa r-raba' subartikolu li mbagħad jikkwalifika t-tlieta li huma, billi jillimita l-ammont reklamat għal €11,646.87. Huma hawnhekk jiċċitaw dak li qal waqt id-dibattiti tal-Kumiatat Permanenti għall-Kunsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi, l-ex-Viċi-Prim Ministru Tonio Borg dwar l-abbozz li ntroduċa r-Raba' Skeda tal-Kap. 387, u jsostnu li kliemu huma l-aktar prova ċara tal-intenzjoni tal-leġislatur li kwalsiasi talba kontra assiguratur awtorizzat tkun soġġetta għall-arbitraġġ mandatorju, sakemm din ma teċċedix il-valur indikat. Għalhekk jgħidu li l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta ddeċidiet li l-każ odjern ma kienx wieħed minn dawk ikkontemplati fir-Raba' Skeda tal-Kap. 387 sabiex jiġi ttrattat fi proċeduri ta' arbitraġġ. Jirrilevaw li l-Ewwel Qorti ikkunsidrat wkoll li huma kienu naqsu milli

jippreżentaw rikors quddiemha sabiex jikkontestaw il-kompetenza tagħha a tenur tas-subartikolu 15(3) tal-Kap. 387, iżda jsostnu li l-leġislatur hawnhekk għamel użu mill-verb *'tista''*, fejn intqal li *'kull parti f'dawk il-proċedimenti tista'...'*, u għalhekk hemm dubju kemm huwa tassew ried li r-rikors imsemmi f'dan is-subartikolu kellu jkun rekwiżit sabiex tiġi kkontestata l-kompetenza tal-Qorti. Is-soċjetajiet appellanti jirrilevaw ukoll mingħajr preġudizzju għal dan kollu, li l-eċċezzjoni tal-inkompetenza msejsa fuq ftehim bejn il-partijiet u anki fuq l-artikolu 2.1 tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387, tista' tiġi ssollevata mill-Qorti *ex officio.* Iżda jgħidu li huwa paċifiku li jekk tali eċċezzjoni ma titressaqx *in limine litis,* ma jiġix ikkunsidrat li hemm rinunzja għaliha, u jagħmlu riferiment għal dak li qalu l-Qrati in sostenn tal-argument tagħhom. Jikkontendu wkoll li l-Qorti għandha dejjem fid-deċiżjonijiet u l-provvedimenti tagħha, tħares l-ordni pubbliku. Jgħidu li l-kwistjoni ta' kompetenza taqa' proprju fl-ambitu tal-ordni pubbliku, għaliex din tolqot l-organizzazzjoni tal-Qrati, kif jgħidu li sostniet din il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Mejju, 1992, fl-ismijiet **Edward Borg vs Edward Bartlett**. Għalhekk jgħidu li *dato ma non concesso* li t-talba msemmija fis-subartikolu 15(3) tal-Kap. 387 għat-twaqqif tal-proċeduri hija meħtieġa, huwa diffiċli li wieħed jemmen li din kienet intiża mil-leġislatur li tissupera il-prinċipji stabbiliti dwar kwistjonijiet ta' kompetenza. Is-soċjetajiet appellanti jirrilevaw punt ieħor fir-rigward tas-subartikolu 15(3) tal-Kap. 387, billi jissottomettu li dan jitkellem dwar ftehim ta' arbitraġġ fejn huwa kkontemplat li l-proċeduri għandhom jitwaqqfu jekk il-Qorti tikkunsidra li l-ftehim ta' arbitraġġ jkunx għadu *in vigore.* Is-soċjetajiet appellanti jgħidu li madankollu hawnhekk il-każ ma jittrattax biss ftehim ta' arbitraġġ bħalma hija l-polza ta' assigurazzjoni bejn il-partijiet, iżda kwistjoni li skont il-liġi stess

għandha tiġi sottomessa għal arbitraġġ mandatorju. Għalhekk jikkontendu li s-subartikolu 15(3) tal-Kap. 387 mhuwiex applikabbli għall-każ odjern.

11. Min-naħa tiegħu, l-appellat jilqa' billi jissottometti li hawnhekk is-soċjetajiet appellanti qegħdin jagħmlu tentattiv ieħor sabiex jikkonvinċu li l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-kompetenza li tittratta l-kwistjoni odjerna. Għal dak li jirrigwarda l-ħsieb tal-leġislatur espress mill-ex-Ministru Tonio Borg, jirrileva li dan qal *'[f]'dawn it-tliet każijiet persuni jkunu jistgħu jmorru quddiem arbitragg jekk il-valur ma jeċċediex il-Lm5,000',* u ma qalx li dawn 'għandhom imorru' jew 'ikollhom imorru'. B'hekk l-animu tal-leġislatur kien li jagħmilha fakoltattiva. L-appellat hawnhekk jagħmel riferiment għall-ġurisprudenza ndikata fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, u fin-nota ta' riferenzi quddiem l-Ewwel Qorti, u jgħaddi sabiex jiċċita l-partijiet rilevanti.

11. Il-Qorti tgħid li s-sentenza preliminari hija tajba. Tikkunsidra li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkunsidrat li l-każ odjern li jirrigwarda vettura, mhuwiex ikkontemplat f'wieħed mill-ewwel żewġ paragrafi tal-artikolu 1.2 tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta, u jidher li s'hawnhekk is-soċjetajiet appellanti qegħdin jaqblu. Iżda l-argument tagħhom huwa msejjes fuq it-tielet pargrafu ta' dak l-artikolu, li skont huma jikkontempla istanza oħra separata ta' arbitraġġ mandatorju. Il-Qorti tgħid li huwa tassew siewi kull riferiment li jsir għad-dibattiti tal-Kumitat Parlamentari li ġew ċitati mis-soċjetajiet appellanti in sostenn tal-argument tagħhom, iżda fl-aħħar mill-aħħar din il-Qorti għandha d-dover li tapplika l-liġi kif inhi, u fil-każ odjern m'hemm l-ebda dubju dwar x'kien l-intendiment tal-leġislatur. Tagħraf li l-para (ċ) tal-artikolu 1.2 tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387 huwa fil-fatt

marbut mal-kumplament ta' dak l-artikolu, għaliex dan saħansitra jibda bil-kliem "*talba bħal dik...*". Il-Qorti kkunsidrat ukoll dak li qalet, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Ottubru, 2009, fl-ismijiet **Middlesea Insurance p.l.c. et *vs.* Gevimida Limited**, li għaliha għamlet riferiment l-Ewwel Qorti, u ma tara l-ebda raġuni għaliex għandha tiddipartixxi mill-insenjament tagħha hemmhekk imfisser. Imbagħad dwar il-kwistjoni l-oħra li qiegħda tiġi mqajjma mis-soċjetajiet appellanti, jiġifieri li l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta kkunsidrat li huma kienu tassew naqsu milli jikkontestaw il-kompetenza tagħha skont kif jipprovdi s-subartikolu 15(3) tal-Kap. 387, u tgħid li hawnhekk ukoll is-sentenza preliminari hija tajba. Kif sewwa rrilevat l-Ewwel Qorti, ir-rikors ikkontemplat f'dak is-subartikolu kellu jsir qabel ma s-soċjetajiet appellanti jgħaddu sabiex jippreżentaw l-eċċezzjonijiet, fejn imbagħad huma jkunu ssottomettew ruħhom għall-kompetenza tal-Qorti, minkejja kull klawsola arbitrali li tkun ġiet patwita mal-parti l-oħra. Huma jisħqu li l-kelma *'tista''* adoperata mil-leġislatur, tagħtihom biss l-għażla li jippreżentaw l-imsemmi rikors. L-appellanti jirrilevaw li l-kwistjoni ta' kompetenza hija waħda ta' ordni pubbliku li saħansitra tista' titqajjem mill-Qorti stess, u għandha titqajjem ġaladarba l-arbitraġġ huwa wieħed mandatorju kif qegħdin jikkontendu, u huma jgħidu li huwa diffiċli li l-ħtieġa ta' rikors tissupera dan kollu. Iżda din il-Qorti tikkunsidra li r-raġunament tal-Ewwel Qorti huwa wieħed preċiż u korrett, u l-argumenti miġjuba mis-soċjetajiet appellanti kontrih ma jikkonvinċuhiex mod ieħor.

12. Għaldaqstant il-Qorti ssib l-ewwel aggravju tas-soċjetajiet appellanti mhux ġustifikat, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[l-Ewwel Qorti ma kienitx korretta meta fis-sentenza preliminari kkunsidrat li r-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet kontendenti hija waħda li taqa' taħt il-kważi-kuntratt]*

13. Is-soċjetajiet appellanti jikkontendu li l-Ewwel Qorti ma kienitx korretta meta qalet li r-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet kontendenti hija waħda li għandha tiġi kkunsidrata bħala kważi-kuntratt. Jgħidu li r-relazzjoni bejn il-partijiet hija regolata mill-polza ta' assigurazzjoni nru. 9001 P21018309-12. Jissottomettu li huwa stabbilit li polza bħal din tikkostitwixxi l-kuntratt bejn il-partijiet, u għaldaqstant ir-relazzjoni bejniethom hija waħda kuntrattwali. Huma jiċċitaw fit-tul dak li qalet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Salvatore Sammut *vs.* Middle Sea Insurance p.l.c.** deċiża fl-14 ta' Mejju, 2004, u jfissru dak li huma jaħsbu li kien ir-raġunament tal-Ewwel Qorti, wara l-konsiderazzjoni tagħha kif imsejsa fuq il-fatt li l-appellat kien ħallas *premium* ogħla riżultanti f'arrikiment indebitu, fejn fil-fatt l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda spjegazzjoni għall-konsiderazzjoni tagħha. Iżda jgħidu li l-appellat kien u għadu qiegħed jippretendi li l-valur reali tal-vettura huwa €7,000, u għalhekk it-talba tiegħu saret għal dan il-valur, u għalhekk l-azzjoni tiegħu ma tistax titqies li hija msejsa fuq il-kważi-kuntratt. Fit-tieni lok huma jirrilevaw ukoll li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tikkunsidra li l-valur reali ma kienx €7,000, iżda mbagħad taħdem il-15% deprezzament fuq dan il-valur.

14. Min-naħa tiegħu l-appellat kien diġà għamel is-sottomissjonijiet tiegħu dwar dan l-aggravju flimkien ma' dawk fir-rigward tal-ewwel aggravju tas-soċjetajiet appellanti.

15. L-Ewwel Qorti kkunsidrat r-raba' raġuni għaliex il-vertenza odjerna taqa' taħt il-kompetenza tal-qorti ordinarja, il-fatt li r-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet għandha min-natura ta' kważi-kuntratt. Iżda din il-Qorti ma tikkunsidrax li hija għandha tidħol fil-mertu ta' din il-kwistjoni, ġaladarba ġie stabbilit li l-kompetenza tal-Ewwel Qorti hija radikata mill-fatt li l-artikolu 1.2 tal-Parti A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387, ma jimponix l-obbligu fuq il-partijiet li jissottomettu l-vertenza ta' bejniethom għal proċeduri ta' arbitraġġ. Tikkunsidra biss li jirriżulta mill-fatti tal-każ odjern, li meta s-soċjetajiet appellanti kkontestaw il-valur tal-vettura fuq il-polza, huma għar-raġunijiet tagħhom ma qiesux li huma wkoll kienu marbutin bit-termini u l-kundizzjonijiet tagħha, anki l-valur li huma aċċettaw fuq l-imsemmija polza li fuqu ġie stabbilit l-ammont ta' *premium* li l-assigurat kellu jħallas. Imma dan filwaqt li fil-proċeduri odjerni qiegħdin jinsistu fuq ir-relazzjoni kuntrattwali mal-appellat. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-Tielet Aggravju:* *[l-Ewwel Qorti kienet legalment żbaljata meta kkunsidrat li s-soċjetà appellata kienet tenuta tikkontesta l-valur tal-vettura]*

16. Is-soċjetajiet appellanti jikkontendu li l-Ewwel Qorti ma kienitx korretta meta kkunsidrat li soċjetà appellanta Laferla kienet tenuta tikkontesta l-valur tal-vettura skont kif indikat mill-appellat. Jgħidu li minkejja li huwa pjuttost diffiċli li wieħed jifhem x'intqal mill-Ewwel Qorti, huma kienu qegħdin jifhmu li ġaladarba s-soċjetà msemmija kienet ibbenefikat permezz tal-*premium* imħallas fuq il-valur għoli ddikjarat mill-appellat assigurat tagħha, hija kienet tenuta tikkontesta dak il-valur. Huma jikkontendu li mill-provi u mix-xhieda

prodotti, kien ħareġ ċar, kif hija l-prassi fis-settur tal-assigurazzjoni dinjija, li huwa l-proponent u mhux l-assiguratur li jagħżel il-valur tal-proprjetà mertu tal-assigurazzjoni, u dan il-valur jitniżżel fil-polza u l-assigurat iħallas *premium* skont dak il-valur hekk iddikjarat minnu. Is-soċjetajiet appellanti jsostnu li kif ukoll sewwa tissuġġerixxi l-Ewwel Qorti, l-appellat kien jaf b'dan, u huma għaddew sabiex ċitaw silta intestata '*The Value of your vehicle',* li skont huma dehret f'kull *Renewal Notice* li ntbagħat lilu bejn l-2006 u l-2011. Minn hawnhekk jgħidu li jirriżulta li l-Ewwel Qorti kienet marret kontra l-prinċipju bażiku ta' *pacta sunt servanda,* għaliex il-partijiet kienu ftehmu li s-soċjetà Laferla ma kellha l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' tali stima. Jirrilevaw ukoll li fir-*Renewal Notice* saħansitra hemm indikat kif wieħed għandu jasal għall-*market value,* minkejja l-valur indikat mill-assigurat, u jagħmlu riferiment għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Lulju, 2004, fl-ismijiet **Robert Pace *vs.* GasanMamo Insurance Agency Ltd***,* li ġiet ċitata mill-Ewwel Qorti. Huma jagħmlu wkoll riferiment għal dak li xehed l-appellat in subizzjoni waqt l-udjenza tas-7 ta' Mejju, 2021, u jissottomettu li huwa kellu kull opportunità li jiddiskuti mal-*broker* dwar il-valur tal-vettura mingħajr l-ebda ndħil min-naħa tagħhom. Hawnhekk għal darb'oħra s-soċjetajiet appellanti jiċċitaw dak li qalet l-Ewwel Qorti, fejn ikkummentat dwar ir-responsabbiltà tal-attur fil-ħin li huwa ffirma dak li kienet ipproponietlu s-soċjetà assiguratriċi, u jgħidu li għalhekk ma setax jiġi mifhum kif sussegwentement iddikjarat li s-soċjetà appellanta Laferla kellha l-obbligu li tikkontesta l-valur wara li kisbet benefiċċju mill-*premium* imħallas. Jgħidu wkoll li ma setgħux jifhmu kif l-Ewwel Qorti għamlet il-kalkolu tagħha bbażat fuq is-somma ta' €7,000, u wara tnaqqis ta' 15% waslet għaċ-ċifra ta' €5,950, liema somma kienet dovuta lill-appellat. Jgħidu li jekk tassew

il-vettura kienet f'kundizzjoni tajba meta nsterqet, il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti kienet waħda inkoerenti għall-aħħar ġaladarba l-partijiet kienu ftehmu li jitħallas il-valur skont il-kalkolu spjegat. Is-soċjetajiet appellanti jirrilevaw li kien ġie stabbilit ukoll li l-ebda vettura tal-istess għamla jew simili għaliha importata ġdida ma kienet tiġbor €7,000, tanto meno waħda importata *second-hand* kif kienet tal-appellat, Jgħidu li l-parti l-kbira tal-vetturi ġodda tal-istess għamla, kienu jġibu inqas minn €3,000, li kien l-ammont tal-offerta li saret mill-appellanti lill-appellat permezz taċ-ċedola ta' depożitu, u dan fejn il-vettura tiegħu kellha diġà 25 sena.

17. Min-naħa tiegħu l-appellat jirrileva s-segwenti: (a) kien ġie stabbilit permezz tax-xhieda tiegħu tat-13 ta' April, 2016, li huwa kien xtara l-vettura għal Lm6,000 jew €13,976; (b) kien ġie wkoll stabbilit li huwa kien fetaħ polza ta' assigurazzjoni mas-soċjetà appellanta Laferla, u l-valur tal-vettura sussegwentement beda nieżel skont dak li kien jingħad lilu meta kien imur iħallas għar-*renewal,* sakemm dan niżel għal €7,000 fl-2012, u fejn fis-sena preċedenti kien ta' €8,300 kif jirriżulta mix-xhieda ta' Mark Zammit tat-12 ta' Ġunju, 2019; (ċ) huwa qatt ma ta stima tal-vettura lis-soċjetà assiguratriċi, li kienet hi li ddettat tali valur, u dan kif jirriżulta mix-xhieda tiegħu tal-24 ta' Jannar, 2018; (d) kien ġie wkoll stabbilit li l-*policy document* qatt ma ngħatalu, u dan skont ix-xhieda tiegħu tal-24 ta' Jannar, 2018; (e) kien intwera li l-valur ta' vetturi simili għal tiegħu fis-16 ta' Ottubru, 2019, jew kważi tliet snin wara li nsterqet il-vettura tiegħu kien ta' $11,000, $7,000 u $6,900, u dan skont ix-xhieda ta' Leslie Borg mogħtija fis-16 ta' Ottubru, 2019, prodott mis-soċjetajiet appellanti stess; (f) il-mod li bih wasal għall-valur tal-vettura Mario Cumbo, il-*Head Assessor* ta' Mapfre Middlesea, kien erroneju u monk; (ġ) kien ġie stabbilit

li l-*Head Office* tas-soċjetà appellanta Laferla stess jirrevedu l-valur, u jgħadduh lill-*broker* permezz ta' *'Pre-Renewal List'* , filwaqt li mix-xhieda ta' Mark Zammit tat-12 ta' Ġunju, 2019, irriżulta li dik is-soċjetà tikkonferma l-valur qabel ma jinħareġ iċ-Ċertifikat tal-Assigurazzjoni għas-sena l-ġdida, fejn mill-ewwel tkun lesta sabiex taċċenna fuq differenza fil-valur u fil-*premium* meta l-*broker* jgħaddilha talba sabiex jinħareġ iċ-ċertifikat finali. L-appellat jgħid li għalhekk minn dan kollu kien jirriżulta li kienu dejjem l-assiguraturi li ssuġġerew il-valur fir-*renewal proposal,* u ma kienx hu li kien iddikjara l-'valur għoli'. Huwa jikkontradixxi l-istqarrija magħmula mis-soċjetajiet appellanti li *"...hija l-prassi fis-settur tal-assigurazzjoni globalment, huwa għall-proponent – u mhux għall-assiguratur – li jiddetermina l-valur tal-proprjetà mertu tal-assigurazzjoni, liema valur imbagħad jiddikjara fil-polza, u l-assigurat iħallas il-*premium *skont dak il-valur li jiddikkjara".* Jissottometti li dan mhux minnu assolutament, almenu fil-każ tiegħu. L-appellat jirrileva li l-eżerċizzju dwar il-*market value* kien sar minn Mario Cumbo, iżda b'mod skorrett tant li l-Ewwel Qorti stqarret li *'...hija mhux ser toqgħod fuq dak li xehed il-*head assessor *is-Sur Mario Cumbo".* Jgħid li l-osservazzjonijiet tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward kienu ġusti, għaliex huwa ma seta' qatt jasal għall-*market value* billi jqabbel il-vettura tiegħu ma' oħrajn ta' *segments* u ta' kategoriji differenti, u kkunsidra wkoll li d-*Daihatsu Rugger* kienet l-istess mudell bħad-*Daihatsu Feroza.* L-appellat isostni li meħud dan kollu in konsiderazzjoni, u anki l-provi li tressqu matul il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, din tal-aħħar ma setgħetx kienet legalment żbaljata, u għalhekk l-aggravju tas-soċjetajiet appellanti huwa infondat.

18. Il-Qorti tikkunsidra li kif isostni l-appellat, dan l-aggravju m'għandux mis-sewwa, u l-Ewwel Qorti kienet korretta fil-konsiderazzjonijiet tagħha. Wara li

ħadet konjizzjoni tal-prinċipji legali fir-rigward tal-indennità li għandu jirċievi l-assigurat, l-Ewwel Qorti ddikjarat li hija ma kienitx ser toqgħod fuq ix-xhieda ta' Mario Cumbo, il-*Head Assessor* tas-soċjetà appellanta Mapfre Middlesea, li hija sabet li kienet insodisfaċenti, u f'partijiet minnha konfuża u kontradittorja. Din il-Qorti tagħraf li l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tagħmel dikjarazzjoni bħal din, wara li kienu l-partijiet stess li ressqu l-vertenza tagħhom quddiemha, fejn hija kienet ġiet fdata u mitluba sabiex tagħmel l-apprezzament tal-fatti, anki eventwalment tax-xhieda tiegħu, li kienet ingħatat *viva voce* quddiemha. Barra minn hekk, il-Qorti tqis li dik l-Ewwel Qorti kellha kull raġun li tasal għal din id-deċiżjoni, għaliex anki hi tqis li x-xhieda ta' dan ix-xhud partikolari mhijiex affidabbli u turi nuqqas kbir ta' professjonalità f'xogħolu, li kif għarfet l-Ewwel Qorti, spikkat ferm permezz tax-xhieda ta' Mark Laferla, direttur tas-soċjetà appellanta Laferla. Iżda dan kollu ma jidhirx li qiegħed jiġi kkontestat mis-soċjetajiet appellanti quddiem din il-Qorti.

19. L-Ewwel Qorti mbagħad għaddiet sabiex aċċettat dak li kienu qegħdin isostnu s-soċjetajiet appellanti, jiġifieri li *"...l-ammont pretiż mill-klijent hu di fatti il-<u>massimu</u> li wieħed jista' jiġbor mill-polza tiegħu meta jagħmel il-claim".* Hija kkunsidrat li l-valur ta' €7,000 kien wieħed reali fit-2 ta' Frar, 2012, meta ġiet imġedda l-polza ta' assigurazzjoni, u liema valur ma kienx ġie kkontestat mis-soċjetà Laferla. Għarfet li wara kollox dan il-valur wassal għal *premium* ogħla minn dik li kieku kellu jitħallas fuq il-valur li skont is-soċjetà appellanta Laferla kien il-valur reali fis-suq, u dan kien ta' benefiċċju għaliha.

20. Din il-Qorti tikkondividi bi sħiħ ir-raġunament tal-Ewwel Qorti, u tagħmel tagħha l-konsiderazzjonijiet magħmula minnha, b'dana li ser tagħmel ukoll

kunsiderazzjonijiet ulterjuri in vista tal-argumenti li tressqu mis-soċjetajiet appellanti permezz tar-rikors tal-appell tagħhom.

21. Tibda billi tikkunsidra li ssibha diffiċli li taċċetta li kien l-appellat li ndika l-valur tal-vettura li kellha tiġi assigurata, minflok ma kien il-*broker* stess li ndikalu l-valur skont il-gwida li kien jirċievi mingħand is-soċjetà assiguratriċi. L-appellat fix-xhieda tiegħu waqt l-udjenza tal-24 ta' Jannar, 2018, mistoqsi minn kien iddeċieda dwar il-valur ta' €7,000 meta dan tnaqqas minn €8,300, qal *"[t]al-insurance, għax meta imur inħallas ngħidilhom fuq kemm ħa nħallas u jgħiduli huma".*[1] Terġa' fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami tas-7 ta' Mejju, 2021, l-appellat tenna li *"[j]iena kull darba li mort dejjem qaluli l-karozza tiegħek tiswa daqshekk u ħa tħallas daqshekk"*[2]*,* u għalhekk dejjem baqa' konsistenti fil-verżjoni tiegħu li ma kienx hu li nsista fuq il-valur tal-vettura tiegħu għall-fini ta' kopertura min-naħa tas-soċjetajiet appellanti.

22. Tirrileva li l-verżjoni tal-appellat hija kkorroborata mix-xhieda ta' Mark Zammit, *Claims Manager* ma' Peak Insurance Brokers. Fix-xhieda tiegħu tat-12 ta' Ġunju, 2019, huwa xehed li *"...iġifieri at the end of the day u being Laferla ukoll kollox jrid joħroġ mingħandhom".*[3] Dan juri kemm is-soċjetà appellanta Laferla tassew kellha kontroll f'kull stadju tar-relazzjoni ġuridika li nħolqot mal-appellat, sal-punt li hija aċċettat li ġġedded il-polza ta' assikurazzjoni fuq il-vettura tiegħu, skont il-valur hemm indikat. Dwar il-valur tal-vettura li dejjem ġie kkontestat min-naħa tas-soċjetajiet appellanti, ix-xhud Mark Zammit kompla rrileva li *"… b'responsabbilità ngħid illi kien* advised *min-naħa ta'*

---

[1] *A fol.* 199.
[2] *A fol.* 533.
[3] *A fol.* 398.

*Laferla*[4]*...issa aħna li nagħmlu huwa li noħorġu r-*renewal notice *min-naħa tagħna fejn din l-informazzjoni tiġi konvertita f'*letter-head *tagħna però ovvjament bilfors trid tkun l-istess. Għax jekk jiena nirċevieha sebat elef u nibgħatilu ta' disa', u jiena għamilt* renewal *ta' disa' x'ħin jiena mort lura b'* request *għand Laferla biex ħarġuli ċ-ċertifikat ħa jgħiduli hawnhekk x'ġara, il-* premium *kien jirrifletti mod għal valur, f'daqqa waħda l-*premium *għola u l-valur għola. Ma għandna l-ebda awtorità biex nagħmluha*[5]*...".* Għal dak li jirrigwarda l-każ odjern, jirriżulta li l-valur tal-vettura kien qiegħed jiġi rivedut 'l isfel kważi kull sena, anki dak rilevanti għas-sena 2012 meta nsterqet fejn mill-valur ta' €8,300 għas-sena 2011 dan tnaqqas għal €7,000. B'hekk ix-xhud irrileva li *"...f'dan il-kaz ma jidher li kien hemm l-ebda formalità fis-sens li mit-two thousand and eight sa two thousand and twelve kien hemm deprezzament fuq il-vettura b'mod discendenti regolari. Iġifieri fit-*two thousand and eight *kienet disa' t'elef u tlett mija u sbatax, nassumi li sbatax-il euro kienu hemm hemm għax konna qlibna għall-euros, allura l-ekwivalenti Maltin to the euro. Fit-*two thousand and nine *baqgħat l-istess, fit-*two thousand and ten *kien* revised *to* eight thousand three hundred, two thousand and eleven *baqgħat l-istess,* two thousand and twelve *kien hemm* revised *ta' seven thousand. Iġifieri jidher li dejjem kien* revised *b'deprezzament regolari ħa ngħidu hekk".*[6]

23. Issa, fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami tas-16 ta' Diċembru, 2020, Mark Laferla, direttur tas-soċjetà appellanta Laferla, xehed li *"...jekk il-klijent jew il-broker jew l-intermedjarju, min ikun, jiġu lura u jgħidilna, iva, ġeddu din il-*

---

[4] *A fol.* 401.
[5] *A fol.* 405.
[6] *A fol.* 396.

policy*, dan huwa l-valur* updated*, diment li m'hemm xejn li* it stands out *ħa mmexxu".*[7] Dak li ntqal minn dan ix-xhud jikkonvinċi lil din il-Qorti li tassew il-valur rivedut ta' €7,000 indikat kien wieħed li kien aċċettabbli anki għas-soċjetà appellata Laferla, aġenta tas-soċjetà appellata l-oħra Mapfre Middlesea. Tagħraf ukoll li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta filwaqt li aċċettat dan il-valur bħala wieħed reali relattivament għaż-żmien li fih ġiet imġedda l-polza fit-2 ta' Frar, 2012, saħqet li dan il-konvinċiment tagħha kien assoddat mill-fatt li s-soċjetà appellanta kienet naqset milli tikkontestah, fejn kien hemm disparità kbira bejn dan l-istess valur u l-allegat valur tal-vettura fis-suq. Il-Qorti tagħraf ukoll li x-xhud waqt l-istess xhieda sostna li *"...imma jien ma napprovax il-valur jekk hux korrett jew le; jiena napprova jekk irridx ninxurja l-vettura jew le"*[8]*,* iżda tikkunsidra li dan kollu huwa pjuttost logħob bil-kliem għaliex l-aċċettazzjoni min-naħa tas-soċjetajiet appellanti saret mingħajr l-ebda kundizzjoni, u għalhekk tikkunsidra li l-kopertura li ngħatat kienet skont il-valur indikat ta' €7,000.

24. L-aħħar punt li ser tikkunsidra din il-Qorti qabel ma tgħaddi għall-aħħar aggravju, huwa dak li qiegħed isir mis-soċjetajiet appellanti fir-rigward tad-deprezzament fil-valur li sar fil-kalkolu tal-Ewwel Qorti, sabiex waslet għas-somma finali li għandha titħallas lill-appellat. Il-Qorti tagħraf li hawnhekk ma tirriżulta l-ebda inkoerenza fir-raġunament tal-Ewwel Qorti, għaliex ġustament hija qieset (a) il-benefiċċju li ngħata lill-appellat mis-soċjetajiet appellanti, li l-vettura tiegħu kienet f'kundizzjoni tajba meta nsterqet; (b) il-vettura kellha

---

[7] *A fol.* 496.
[8] *A fol.* 499.

erbatax-il sena meta nsterqet; (ċ) il-polza kienet waslet biex tiskadi fid-data li nsterqet, u allura kienet waslet għad-deprezzament annwali għall-fini tat-tiġdid tal-polza. Għalhekk l-Ewwel Qorti korrettement applikat deprezzament ta' 15% skont il-prassi fis-suq, fejn ikkunsidrat li skont ix-xhieda ta' Mark Laferla dan id-deprezzament kien bejn 10% u 15% għal kull sena.

25. Għal dawn ir-raġunijiet kollha l-Qorti ma ssibx dan l-aggravju ġustifikat, u għalhekk tiċħdu.

*Ir-Raba' Aggravju:* *[l-Ewwel Qorti warrbet dak li kienet iddeċidiet fis-sentenza preliminari]*

26. Is-soċjetajiet appellanti jikkontendu li l-Ewwel Qorti warrbet dak li kienet iddeċidiet permezz tas-sentenza preliminari dwar ir-rapport ġuridiku bejn il-kontendenti, u dan għaliex hija straħet għal kollox fuq il-polza tal-assigurazzjoni. Huma jirrilevaw ukoll li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx suffiċjentement l-eżistenza tal-*insurance brokers,* Peak Insurance Brokers. Wara li huma jagħmlu riferiment għas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, tad-19 ta' Novembru, 2013, fl-ismijiet **Atlas Insurance Agency Ltd *vs.* Fenici Insurance Brokers Ltd** in sostenn tal-argument tagħhom li huwa paċifiku li l-istruzzjonijiet tal-assigurat jgħaddu għand l-assiguratur permezz tal-*broker,* sostnew li l-*broker* huwa l-mandatarju jew l-aġent tal-assigurat. Huma jagħmlu riferiment ukoll għall-*Halsbury's Laws of England*, u ssottomettew li dan kellu jittieħed in konsiderazzjoni meta l-Ewwel Qorti irrilevat il-ħsieb allegatament irrilevanti li l-*premium* ogħla kien ta' benefiċċju għas-soċjetà assiguratriċi.

27. Fit-tweġiba tiegħu, l-appellat jirrileva qabel xejn li is-soċjetajiet appellanti baqgħu ma kkjamawx fil-kawża lil *Peak Insurance Brokers,* għal raġunijiet tagħhom. Jgħid li għalkemm is-soċjetajiet appellanti daħlu fid-dettal sew fir-rikors tal-appell tagħhom, huma naqsu milli janalizzaw u jagħmlu riferiment għat-traskrizzjonijiet, iżda jgħid li dan għaliex m'hemm xejn li jissostanzja almenu wieħed mill-punti li huma rrilevaw, u pjuttost dawn isaħħu l-verżjoni tiegħu. L-appellat jirrileva li għalkemm is-soċjetajiet appellanti nsistew li l-assiguratur qatt ma jaqbeż lill-*broker* billi jitkellem direttament mal-assigurat, fil-każ odjern dan huwa proprju dak li ġara, u għalhekk ir-raba' aggravju tagħhom huma nfondat. Jikkontendi li l-provi tagħhom wrew kif il-valur il-ġdid ġie deċiż mill-assiguratur, u l-metodu sabiex jiġi stabbilit il-valur tal-vettura mill-*Head Assessor* kien kompletament żbaljat. Fl-aħħarnett jissottometti li l-valur li waslet għalih l-Ewwel Qorti, kien wieħed veritier, u għalhekk id-deċiżjoni tagħha hija ġusta, u għandha tiġi kkonfermata.

28. Kif diġà fissret din il-Qorti aktar 'il fuq f'din is-sentenza, ir-rapport ġuridiku bejn il-partijiet huwa wieħed kuntrattwali, li kuntrarjament għal dak li qegħdin jinsistu fuqu s-soċjetajiet appellanti, jorbot lil dawn tal-aħħar anki fir-rigward tal-valur tal-vettura li għandu jiġi indennizzat lill-appellat. Tikkunsidra li fin-nuqqas, tassew il-kwistjoni għandha tiġi meqjusa bħala waħda ta' arrikkiment indebitu fejn ikun tħallas ammont ta' *premium* li mhuwiex mistħoqq. Iżda mill-provi rriżulta li dan mhuwiex il-każ, għaliex il-valur tal-vettura kien wieħed tajjeb u għalhekk jirrifletti l-*premium* li tħallas. Għalhekk il-Qorti ma ssibx din il-parti tal-aħħar aggravju ġustifikat, u tiċħdu.

29. Dwar is-sottomissjonijiet l-oħra tas-soċjetajiet appellanti fir-rigward tal-konsegwenzi tal-għażla tal-appellat li jagħmel użu mis-servizzi ta' *broker,* il-Qorti tikkunsidra li dawn qegħdin isiru l-ewwel darba f'dawn il-proċeduri, u qatt ma tressqu quddiem l-Ewwel Qorti b'mod formali. Għaldaqstant hija prekluża milli tikkunsidrahom ġaladarba l-istanza odjerna hija waħda tal-appell, u għalhekk waħda finali. B'hekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din il-parti tal-aħħar aggravju tas-soċjetajiet appellanti.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiċħad l-appell odjern, filwaqt li tikkonferma s-sentenza preliminari u s-sentenza finali fl-intier tagħhom.**

**L-ispejjeż tal-preżenti proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tas-soċjetajiet appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**